MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Numru. 1070/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J. FARRUGIA**

**KONTRA**

**CARMELO FENECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carmelo Fenech ta’ 42 sena, bin Carmelo u Theresa nee’ Spiteri, mwieled Zejtun nhar id- 29 ta’ Jannar 1966, residenti fil- fond numru 9, Triq San Gwann, Zejtun u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 83566(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’dawn il- Gzejjer, fis- 7 ta’ Mejju 2007 u fil- jiem ta’ qabel;

1) b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l- mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) (Lm1000) ghad- dannu ta’ Master Cellars u terzi persuni ohra;

2) ikkommetta serq ta’ cekk (2-219) ta’ Bank of Valletta mahrug fuq kont bankarju f’isem Mario Fenech u il- Bank of Valletta, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna;

3) u aktar talli f’dawn il- Gzejjer, fix- xahar ta’ Mejju 2007, u fix- xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differneti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klwasoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4) kif ukoll fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

5) u aktar talli b'hekk sar recidiv ai terminu tla-Artikoli 49 et sequitur tal- Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija mill- Qorti tal- Magistrati liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tathu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310 (1) (a), 261, 268 (D), 281(b),18, 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah terminu ta' tlitt (3) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1) ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' elf, mitejn u sitta u erbghin ewro (€1,246) lil Master Cellars fi tlett (3) xhur ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------